FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 9 TA' JANNAR 2001

PULIZIJA
SUPT. PAUL SAMMUT
VS
CARMELO GRIMA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Grima ta' 34 sena, bin Vincent u Stella nee Xerri, imwieled Valletta fit-18 ta' Jannar 1959 u joqghod Block J, Flat 7, Government Buildings, Triq Barbara, Hamrun ID123259M talli f'dawn il-gzejjer ta' Malta matul dawn l-ahhar sentejn qabel is-26 t'april 1993, b'atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni wahda:

a. fil-11 ta' Marzu 1993 wara nofs inhar ikkommetta serq ta' flus u oggetti mill-hanut imsejjah De Fino Moda Boutique li hemm fil-Hamrun, liemas erq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 u dan ghad-dannu ta' Saviour Mallia;
b. fis-6 ta' Marzu 1993 f'dawn il-gzejjer wara nofs inhar, ikkommetta serq ta''flus mill-hanut imsejjah Big Ben li hemm f'Regency House, Triq ir-Repubblika, Valletta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u valur ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 u dan ghad-dannu ta' Mario Cauchi;
c. talli fit-18 t'April 1992 matul il-lejl, ikkommetta serq ta' oggetti mill-hanut 306, Gopaldas, Triq ir-Repubblika, Valletta liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 u dan ghad-dannu ta' Andrew Vaswani;

d. Talli f'dawn id-datti huwa duq indikati, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b;kul mod indahal biex ibiegh jew imexxihim.
e. Talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu minn din l-Onorabbli qorti, kundizzjoni imposta lilu fis-17 ta' Ottubru 1989 li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru 1996 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat min din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhied prodotta mill-prosekuzzjoni b'mod specjali ghal dak li jirrizulta mill-istqarriji tal-imputat Dok PS1,2,3,4 bil-pjanti Dok PS, Dok PS5 u 6.

Illi l-istqarriji tal-imputat huma ammissjoni piena u cara ta' l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Illi in oltre dwar dana kollu hemm ix-xhieda tal-pulizija u d-derubati jikkonfermaw is-serqiet imwettqa.

Illi l-Qorti imbaghad ezaminat is-setnenzi tas-17 t'Ottubru 1989 dok KC a fol 109 u x-xhieda tal-identita a fol 108 u ssib il-prova tal-ricediva sodisfacenti u kif trid il-ligi.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza.

Rat Art 18, 261 (b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 334, Art 533 kap 9, Art 10 (I)(a) kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 4 snin u dana wara li hadet in konsiderazzjoni l-obbligu tal-imputat li jhallas lid-derubati (ara verbal tal-9 ta' Jannar 2001) u il-fatt illi l-imputat sab impjieg u li kellu impjieg ghal zmien konsiderevoli.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.